



Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

2023/0172(COD)

13.10.2023

EMENDA

14 - 88

**Abbozz ta' rapport
Vera Tax
(PE753.548v01-00)**

Direttiva emendatorja 2009/21/KE dwar il-konformità mar-rekwiżiti tal-Istat tal-bandiera

Proposta għal direttiva
(COM(2023)0272 – C9-0188/2023 – 2023/0172(COD))

AM_Com_LegReport

Emenda 14
Pierre Karleskind

Proposta għal direttiva
Premessa 1a (ġdida)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Huwa importanti li jitqiesu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien abbord tal-ekwipaġġ u t-taħriġ u l-kwalifikasi tal-membri tiegħu, peress li ssahħha, is-sikurezza, is-sigurtà u l-fattur uman huma interkonnéssi mill-qrib u minħabba li huwa ta' importanza kbira li tiġi evitata kwalunkwe ħsara kkawżata minn fatturi umani.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Inspiration of recital 12 of DIRECTIVE (EU) 2017/2110

Emenda 15
Henna Virkkunen

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(3) Id-dispożizzjonijiet obbligatorji ta' dawk il-Konvenzjonijiet jenħtieġ li jiġu inkorporati fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-Konvenzjonijiet tal-OMI fl-Unjoni, ġaladárba li l-Istati Membri kollha jridu jkunu partijiet għall-Konvenzjonijiet tal-OMI u jwettqu l-obbligi stabbiliti f'dawk il-konvenzjonijiet fir-rigward tal-vapuri li jtajru l-bandiera tagħhom. Għal dan il-ġhan, l-Istati Membri jridu jwettqu l-obbligi tagħhom bħala Stati tal-bandiera b'mod effettiv u konsistenti f'konformità mar-Riżoluzzjoni A. A.1070(28) tal-OMI (adottata fl-4 ta' Diċembru 2013) dwar il-

(3) Id-dispożizzjonijiet obbligatorji ta' dawk il-Konvenzjonijiet jenħtieġ li jiġu inkorporati fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-Konvenzjonijiet tal-OMI fl-Unjoni, ġaladárba li l-Istati Membri kollha jridu jkunu partijiet għall-Konvenzjonijiet tal-OMI u jwettqu l-obbligi stabbiliti f'dawk il-konvenzjonijiet fir-rigward tal-vapuri li jtajru l-bandiera tagħhom. Għal dan il-ġhan, l-Istati Membri jridu jwettqu l-obbligi tagħhom bħala Stati tal-bandiera b'mod effettiv u konsistenti f'konformità mar-Riżoluzzjoni A. A.1070(28) tal-OMI (adottata fl-4 ta' Diċembru 2013) dwar il-

Kodiċi ta' Implantazzjoni tal-Instrumenti tal-OMI (KODIĊI III), li fih id-dispożizzjonijiet obbligatorji li għandhom jiġu implementati mill-Istati tal-bandiera.

Kodiċi ta' Implantazzjoni tal-Instrumenti tal-OMI (KODIĊI III), li fih id-dispożizzjonijiet obbligatorji li għandhom jiġu implementati mill-Istati tal-bandiera.

Il-Kodiċi III, is-sezzjoni 22, tindika li stat tal-bandiera jenħtieġ li jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżgura l-osservanza tar-regoli u l-istandardi internazzjonali minn vapuri intitolati li jtajru l-bandiera tiegħu u minn entitajiet u persuni taħt il-ġuriżdizzjoni tiegħu sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi internazzjonali tiegħu. B'mod partikolari, is-sezzjoni 22.2 tirreferi għal spezzjonijiet sabiex jivverifikaw li l-qagħda attwali tal-vapur u tal-ekwipaġġ tiegħu hija f'konformità maċ-ċertifikati li jgħorr miegħu. Il-perjodiċità tagħha jenħtieġ li tiġi stabilita mill-Istati Membri jew b'approċċ ibbażat fuq ir-riskju jew bl-użu tal-proċeduri u l-istruzzjonijiet tagħhom stess, bl-użu ta' kriterji kwantitattivi jew kwalitattivi. L-ispezzjonijiet tal-Istat tal-bandiera msemmi jin f'din id-Direttiva jenħtieġ li jinfieħmu bħala li jiżguraw il-konformità mal-Kodiċi III u mhux ma' leġiżlazzjoni oħra tal-UE li tirriżulta mill-Konvenzionijiet IMO.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Żjara mill-ispetturi fuq il-bastiment ma għandhiex tkun rekwiżit assolut, peress li l-assigurazzjoni meħtieġa dwar il-kundizzjoni tal-bastiment tista' tinkiseb b'meżżi oħra, bħall-istorja tal-bastiment u d-dokumentazzjoni tal-bastiment. L-abbandun tar-rekwiżit ta' waqfa tal-bastiment se jagħmlha possibbli li r-riżorsi jiġu allokati aħjar lill-bastimenti f'qagħda ġażina.

Emenda 16
Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal direttiva
Premessa 7

Test proposet mill-Kummissjoni

(7) L-amministrazzjonijiet marittimi tal-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jibbażaw fuq riżorsi adegwati, inkluża l-kapaċită teknika tat-teħid ta' deċiżjonijiet, għall-implimentazzjoni tal-obbligli tagħhom ta' Stat tal-bandiera, b'mod proporzjonat mad-daqs u t-tip tal-flotta tagħhom u abbażi tar-rekwiżiti relevanti tal-OMI. Sabiex tittejjeb il-prestazzjoni kwalitattiva ġenerali tal-vapuri li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru huwa meħtieġ ukoll li jiġi armonizzat il-monitoraġġ strett u bir-reqqa, inkluż l-iżvilupp ta' regoli u r-rieżami tad-disinn, tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti li jwettqu dmirijiet tal-Istat tal-bandiera f'isem l-Istati Membri.

Emenda

(7) L-amministrazzjonijiet marittimi tal-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jibbażaw fuq riżorsi adegwati, inkluża l-kapaċită teknika tat-teħid ta' deċiżjonijiet, għall-implimentazzjoni tal-obbligli tagħhom ta' Stat tal-bandiera, b'mod proporzjonat mad-daqs u t-tip tal-flotta tagħhom u abbażi tar-rekwiżiti relevanti tal-OMI. *Ir-revizzjoni ta' din id-Direttiva tista' twassal għal żieda fil-kostijiet, minħabba r-rekwiżiti l-ġodda dwar l-awtoritatiet tal-Istat tal-Bandiera. Iż-żieda fit-tariffi mħallsa mis-sidien tal-vapuri jenħtieġ li tkun proporzjonata biex tinżamm il-kompetiività tal-bnadar tal-UE.* Sabiex tittejjeb il-prestazzjoni kwalitattiva ġenerali tal-vapuri li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru huwa meħtieġ ukoll li jiġi armonizzat il-monitoraġġ strett u bir-reqqa, inkluż l-iżvilupp ta' regoli u r-rieżami tad-disinn, tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti li jwettqu dmirijiet tal-Istat tal-bandiera f'isem l-Istati Membri.

Or. en

Emenda 17

Ljudmila Novak, Marian-Jean Marinescu, Magdalena Adamowicz

**Proposta għal direttiva
Premessa 7a (ġdida)**

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(7a) Sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' din id-Direttiva, kull Stat tal-bandiera tal-UE jenħtieġ li jwettaq is-sehem ġust tiegħu ta' spezzjonijiet, proporzjonat mad-daqs u t-tip tal-flotta tiegħu. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi stabbilta kwota minima annwali ta' spezzjoni ta' mill-inqas 20 % tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu għal kull Stat Membru.

Or. en

Emenda 18
Johan Van Overtveldt

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8) *Jenħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji u miri ta' spezzjoni minimi relatati ma' dawk ir-riżorsi abbażi tal-esperjenza prattika tal-Istati Membri, inkluż l-użu ta' spetturi mhux esklussivi, permezz ta' miżuri ta' implimentazzjoni.*

imħassar

Or. en

Emenda 19
Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9) Jenħtieġ li t-twettiq, wara l-kwalifika, ta' skema armonizzata għall-bini tal-kapaċità mis-surveyors u mill-ispetturi tal-Istat tal-bandiera jiżgura kundizzjonijiet ekwi bejn l-amministrazzjonijiet marittimi u jikkontribwixxi għall-prestazzjoni kwalitattiva tal-vapuri li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru.

(9) Jenħtieġ li t-twettiq, wara l-kwalifika, ta' skema armonizzata għall-bini tal-kapaċità mis-surveyors u mill-ispetturi tal-Istat tal-bandiera jiżgura kundizzjonijiet ekwi bejn l-amministrazzjonijiet marittimi u jikkontribwixxi għall-prestazzjoni kwalitattiva tal-vapuri li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru, *filwaqt li jittieħdu miżuri proporzjonati li jiżguraw prestazzjoni ekwivalenti tal-vapuri kollha li jidħlu fl-ilmijiet tal-UE, hi x'inhi l-bandiera li jtajru, u b'hekk tiġi ssalvgwardjata l-kompetiċċità tal-bnadar tal-UE fuq livell internazzjonali.*

Or. en

Emenda 20
Johan Van Overtveldt

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Jenħtieġ li ***t-twettiq***, wara l-kwalifika, ***ta' skema armonizzata għall-bin*** ***tal-kapaċċità mis-surveyors u mill-ispetturi tal-Istat tal-bandiera*** jiżgura kundizzjonijiet ekwi bejn l-amministrazzjonijiet marittimi u jikkontribwixxi għall-prestazzjoni kwalitattiva tal-vapuri li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru.

Emenda

(9) Jenħtieġ li ***taħriġ b'saħħtu volontarju***, wara l-kwalifika, ***improvdut mill-Akkademja tal-EMSA lill-Istati Membri*** jiżgura kundizzjonijiet ekwi bejn l-amministrazzjonijiet marittimi u jikkontribwixxi għall-prestazzjoni kwalitattiva tal-vapuri li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru.

Or. en

Emenda 21
Henna Virkkunen

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) L-istabbiliment u l-iżvilupp ta' bażi tad-data li tipprovdi informazzjoni essenzjali, f'format elettroniku dwar vapuri li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru, jenħtieġ li jikkontribwixxu ġħal skambju msahħħah ta' informazzjoni, ***ikomplu jtejbu t-trasparenza tal-prestazzjoni ta' flotta ta' kwalità għolja u jippermettu monitoraġġ imtejjeb tal-obbligi tal-Istat tal-bandiera biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn l-amministrazzjonijiet marittimi.***

Emenda

(11) L-istabbiliment u l-iżvilupp ta' bażi tad-data li tipprovdi informazzjoni essenzjali, f'format elettroniku dwar vapuri li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru, jenħtieġ li jikkontribwixxu ġħal skambju msahħħah ta' informazzjoni ***fost l-Istati Membri.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-introduzzjoni ta' dokumenti elettroniċi u bażi tad-data għall-ispezzjonijiet għandha ssir sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jkomplu jużaw is-sistemi ta' informazzjoni nazzjonali tagħhom fil-futur. Dan se jagħmilha possibbli li jsir użu aħjar mid-data miġbura għall-

ħtiġijiet nazzjonali u li tintuża l-istess sistema għal sorveljanza marittima oħra.

Emenda 22

Karima Delli

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva

Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11a) F'konformità mal-Artikolu 91(1) tal-UNCLOS^{29a}, jenħtieġ li jkun hemm “rabta ġenwina” bejn is-sid reali ta’ bastiment u l-bandiera li jtajjar il-bastiment. Approċċ bħal dan jenħtieġ li jgħin biex jiġi eliminati prattiki mhux mixtieqa bħall-bḍil tal-bandiera tal-bastimenti u l-użu ta’ reġistri miftuħa. Huwa magħruf sew li xi sidien ta’ vapuri spiss ibiddlu l-bandiera tal-bastimenti tagħhom jew jużaw reġistri miftuħa għall-fin i ta’ dumping soċjali u/jew minimizzazzjoni tal-kostijiet operattivi, pereżempju billi jħallsu taxxi jew imposti aktar baxxi jew iħallsu kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mnaqqsa u/jew biex jaħarbu mill-kontrolli leġiżlattivi tal-implementazzjoni u dawk amministrattivi.

^{29a} Assemblea Generale tan-NU, Konvenzioni dwar il-Liġi tal-Baħar, 10 ta’ Diċembru 1982

Or. en

Emenda 23

Johan Van Overtveldt

Proposta għal direttiva

Premessa 13a (ġdida)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(13a) Il-kondiviżjoni tal-eżitu tal-awditi tal-IMO u l-miżuri korrettivi potenzjali li jirriżultaw mill-awditi tal-IMO tibqa' l-prerogattiva tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 24

Johan Van Overtveldt

Proposta għal direttiva

Premessa 14

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(14) Il-Kummissjoni, megħjuna mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³¹, jenħtieġ li tiġi mistiedna u tkun involuta bħala osservatur mill-Istat Membru bħala Stat tal-bandiera li qed jiġi vverifikat għall-fini li tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-verifikasi tal-OMI u l-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni, imwettqa mill-EMSA biex tiċċekkja l-implementazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sikurezza marittima permezz tal-iskema ta' żjara u spezzjoni tagħha, f'isem il-Kummissjoni.

imħassar

³¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (ĠUL 208, 5.8.2002, p. 1).

Or. en

Emenda 25

Cláudia Monteiro de Aguiar

Proposta għal direttiva

Premessa 14

Test propos mill-Kummissjoni

(14) Il-Kummissjoni, ***megħjuna mill-Aġenzija*** Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³¹, jenħtieġ li tiġi mistiedna u tkun involuta bħala osservatur mill-Istat Membru bħala Stat tal-bandiera li qed jiġi vverifikat għall-fini li tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-verifika tal-OMI u l-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni, imwettqa mill-EMSA biex tiċċekkja l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sikurezza marittima permezz tal-iskema ta' żjara u spezzjoni tagħha, f'isem il-Kummissjoni.

³¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1).

Emenda

(14) Il-Kummissjoni ***u l-Aġenzija*** Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³¹, jenħtieġ li tiġi mistiedna u tkun involuta bħala osservatur mill-Istat Membru bħala Stat tal-bandiera li qed jiġi vverifikat għall-fini li tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-verifika tal-OMI u l-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni, imwettqa mill-EMSA biex tiċċekkja l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sikurezza marittima permezz tal-iskema ta' żjara u spezzjoni tagħha, f'isem il-Kummissjoni.

³¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1).

Or. en

Emenda 26

Pierre Karleskind, Catherine Chabaud

Proposta għal direttiva

Premessa 15a (ġdida)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(15a) Fin-nuqqas ta' bandiera Ewropea li tiggarantixxi kundizzjonijiet ekwi, l-Istati Membri jenħtieġ li jimplimentaw servizzi tat-trasport marittimu bbażati fuq kompetizzjoni ħielsa u mhux imxekkla, u għalhekk jistinkaw biex jarmonizzaw il-karatteristiċi spċifici tagħhom speċjalment dawk ambjentali u soċjali.

Or. en

Emenda 27

Pierre Karleskind, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal direttiva

Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(16a) Il-Kummissjoni jenħtieġ li toħroġ rapport ta' trasparenza dwar id-data kollha miġbura fuq il-bnadar Ewropej lill-Istati Membri interessati.

Or. en

Emenda 28

Karima Delli

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva

Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(21) L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) jenħtieġ li tippordvi l-appoġġ meħtieġ biex tiżgura l-implementazzjoni tad-Direttiva 2009/21/KE.

(21) L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) jenħtieġ li tippordvi l-appoġġ meħtieġ biex tiżgura l-implementazzjoni tad-Direttiva 2009/21/KE. **It-taħriġ ipprovdut mill-EMSA lill-amministrazzjonijiet tal-Istat tal-bandiera jenħtieġ li jkopri bis-sħiħ l-obbligi tal-Istati Membri kif stabbiliti fl-MLC 2006. L-EMSA jenħtieġ li tiffaċilita l-koordinazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni u pratiki tajba bejn l-amministrazzjonijiet tal-Istat tal-bandiera.**

Or. en

Emenda 29

Pierre Karleskind

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt aa (ġidid)

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(aa) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li
żej:*

*(d) “ċertifikati” tfisser ċertifikati statutorji
maħruġa fir-rigward tal-Konvenzjonijiet
tal-IMO u l-ILO rilevanti;*

Or. en

Ġustifikazzjoni

*Il-bnadar tal-UE għandhom jirrispettaw il-konvenzjonijiet tal-ILO bl-istess mod li
jirrispettaw dawk tal-IMO.*

Emenda 30

Pierre Karleskind

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 3 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(f) “Konvenzjonijiet” tfisser il-Konvenzjonijiet, bil-Protokolli u bl-emendi tagħhom, u l-kodiċijiet relatati ta’ status obbligatorju, fil-verżjoni aġġornata tagħhom, kif definiti fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁴, ***bl-eċċeżżjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006 (MLC 2006);***

(f) “Konvenzjonijiet” tfisser il-Konvenzjonijiet, bil-Protokolli u bl-emendi tagħhom, u l-kodiċijiet relatati ta’ status obbligatorju, fil-verżjoni aġġornata tagħhom, kif definiti fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁴;

³⁴ Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57).

³⁴ Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-bnadar tal-UE għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet kollha tal-MLC 2006.

Emenda 31

Johan Van Overtveldt

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 3 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(g) “*Kodiċi III*” tfisser il-partijiet 1 u 2 tar-Riżoluzzjoni A. 1070(28) (“*Kodiċi ta’ Implementazzjoni tal-Instrumenti tal-OMI*”), adottat mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI), bl-eċċeżżjoni tal-paragrafi 16.1, 18.1, 19, 29, 30, 31 u 32 tal-parti 2;

imħassar

Or. en

Emenda 32

Josianne Cutajar

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 3 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(i) “*spettur tal-Istat tal-bandiera*” tfisser impjegat tas-settur pubbliku, li jaħdem esklużivament għall-awtoritā kompetenti ta’ Stat Membru u debitament awtorizzat minnha biex iwettaq spezzjonijiet supplimentari tal-Istat tal-bandiera, u li jissodisfa r-rekwiżit ta’ indipendenza spċċifikat fl-Artikolu 8(1), u l-kriterji minimi spċċifikati fl-Anness XI

(i) “*spettur tal-Istat tal-bandiera*” tfisser impjegat tas-settur pubbliku, li jaħdem esklużivament għall-awtoritā kompetenti ta’ Stat Membru u debitament awtorizzat minnha jew *individwu impjegat b’mod mhux esklużiv, u debitament awtorizzat mill-awtoritā kompetenti ta’ Stat Membru, fuq bażi ad hoc jew fuq sitwazzjoni kuntrattwali mal-awtoritā*

tad-Direttiva 2009/16/KE;

kompetenti ta' Stat Membru, biex iwettaq spezzjonijiet supplimentari tal-Istat tal-bandiera, u li jissodisfa r-rekwiżit ta' indipendenza speċifikat fl-Artikolu 8(1), u l-kriterji minimi speċifikati fl-Anness XI tad-Direttiva 2009/16/KE;

Or. en

Emenda 33
Henna Virkkunen

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 3 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni

(k) “spezzjoni **supplimentari** tal-Istat tal-bandiera” tfisser spezzjoni **abbord** li ma twassalx għal ċertifikazzjoni;

Emenda

(k) “spezzjoni tal-Istat tal-bandiera” tfisser spezzjoni li ma twassalx għal ċertifikazzjoni *biex tivverifika li l-kundizzjoni attwali tal-bastiment u tal-ekwipaġġ tiegħu hija konformi maċ-ċertifikati li jgħorr. Meta l-ispezzjoni ma titwettaqx abbord din għandha tiżgura l-istess livell ta' sikurezza u assigurazzjoni bħal dak tal-ispezzjonijiet fuq il-post.*;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Żjara mill-ispetturi fuq il-bastiment ma għandhiex tkun rekwiżit assolut, peress li l-assigurazzjoni meħtieġa tal-kundizzjoni tal-bastiment tista' tinkiseb b'meżżi oħra, bħall-istorja tal-bastiment u d-dokumentazzjoni tal-bastiment. L-abbandun tar-rekwiżit ta' waqfa tal-bastiment se jagħmilha possibbli li r-riżorsi jiġu allokati aħjar lill-bastimenti f'qagħda ġażina.

Emenda 34
Pierre Karleskind

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġidid)

Direttiva 2009/21/KE
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu (b)

Test fis-seħħ

Artikolu 1 Suġġett

1. L-ġħan ta' din id-Direttiva huwa:
 - (a) li tiżgura li l-Istati Membri jwettqu l-obbligi tagħhom b'mod effettiv u konsistenti bħala Stati tal-bandiera; u
 - (b) li **ttejjeb is-sikurezza u** tevita t-tniġġis minn vapuri li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru.

Emenda

(1a) Fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1 Suġġett

1. L-ġħan ta' din id-Direttiva huwa:
 - (a) li tiżgura li l-Istati Membri jwettqu l-obbligi tagħhom b'mod effettiv u konsistenti bħala Stati tal-bandiera; u u
 - (b) li tevita t-tniġġis minn vapuri li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru **u tiżgura s-sikurezza, inkluża s-sikurezza abbord.**

”

Or. en

(Direttiva 2009/21/KE)

Ġustifikazzjoni

Il-baħħara huma element ewljeni fl-iżgurar tal-aħjar kundizzjonijiet ta' sikurezza tal-vapur.

Emenda 35
Karima Delli
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – sottopunt 1 (ġidid)

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 4 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-1. fl-Artikolu 4, it-titolu huwa emendat kif ġej:

Kundizzjonijiet biex vapur jingħata d-dritt li jtajjar bandiera ta' Stat Membru u l-kundizzjonijiet biex jopera

Or. en

Emenda 36

Karima Delli

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – sottopunt 1a (ġdid)

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 4 – paragrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-1a. Paragrafu ġdid jiddaħħal qabel il-paragrafu 1 eżistenti:

(-1) qabel ma vapur jingħata d-dritt li jtajjar il-bandiera tiegħu, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li s-sid reali ta' bastiment ikollu rabta ġenwina mal-bandiera kkonċernata. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10b sabiex tagħti gwida dwar x'jikkostitwixxi rabta ġenwina.

Or. en

Emenda 37

Karima Delli

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Qabel ma vapur li jkun ingħata d-dritt li jtajjar il-bandiera tiegħu jingħata l-permess li jopera, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li l-vapur inkwistjoni jikkonforma mar-regoli u r-regolamenti internazzjonali applikabbli. B'mod partikolari, għandu jivverifika r-rekords tas-sikurezza tal-vapur billi juża r-rapporti u c-ċertifikati ta' spezzjoni li jinsabu fil-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 6a. Huwa għandu, **jekk ikun neċessarju**, jikkonsulta mal-Istat tal-bandiera li jkun qed jitlef sabiex

1. Qabel ma vapur li jkun ingħata d-dritt li jtajjar il-bandiera tiegħu jingħata l-permess li jopera, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li l-vapur inkwistjoni jikkonforma mar-regoli u r-regolamenti internazzjonali applikabbli. B'mod partikolari, għandu **jwettaq spezzjonijiet abbord u** jivverifika **kemm** ir-rekords tas-sikurezza tal-vapur **kif ukoll id-dokumentazzjoni li tiżgura li l-vapur jissodisfa l-istandardi ambjentali u soċjali internazzjonali**, billi juża r-rapporti u c-ċertifikati ta' spezzjoni li jinsabu fil-bażi

jistabbilixxi jekk kwalunkwe nuqqas pendentii jew kwistjoni ta' sikurezza identifikati minn dan tal-aħħar għadhom mhux solvuti

tad-data msemmija fl-Artikolu 6a. Huwa għandu jikkonsulta mal-Istat tal-bandiera li jkun qed jitlef sabiex jistabbilixxi jekk kwalunkwe nuqqas pendentii jew kwistjoni ta' sikurezza identifikati minn dan tal-aħħar għadhom mhux solvuti

Or. en

Emenda 38

Clare Daly

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2009/21/KE
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Qabel ma vapur li jkun ingħata d-dritt li jtajjar il-bandiera tiegħu jingħata l-permess li jopera, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li l-vapur inkwistjoni jikkonforma mar-regoli u r-regolamenti internazzjonali applikabbli. B'mod partikolari, għandu jivverifika r-rekords tas-sikurezza tal-vapur billi juża r-rapporti u c-ċertifikati ta' spezzjoni li jinsabu fil-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 6a. Huwa għandu, jekk ikun neċċessarju, jikkonsulta mal-Istat tal-bandiera li jkun qed jitlef sabiex jistabbilixxi jekk kwalunkwe nuqqas pendentii jew kwistjoni ta' sikurezza identifikati minn dan tal-aħħar għadhom mhux solvuti.

Emenda

1. Qabel ma vapur li jkun ingħata d-dritt li jtajjar il-bandiera tiegħu jingħata l-permess li jopera, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li l-vapur inkwistjoni jikkonforma mar-regoli u r-regolamenti internazzjonali applikabbli. B'mod partikolari, għandu jivverifika r-rekords tas-sikurezza tal-vapur billi juża r-rapporti u c-ċertifikati ta' spezzjoni li jinsabu fil-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 6a. Huwa **għandu jivverifika wkoll il-konformità tal-vapur mal-konvenzjonijiet ambjentali internazzjonali kif ukoll mat-taħriġ tal-ekwipaġġ. Huwa għandu**, jekk ikun neċċessarju, jikkonsulta mal-Istat tal-bandiera li jkun qed jitlef sabiex jistabbilixxi jekk kwalunkwe nuqqas pendentii jew kwistjoni ta' sikurezza identifikati minn dan tal-aħħar għadhom mhux solvuti.

Or. en

Emenda 39

Pierre Karleskind

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Qabel ma vapur li jkun ingħata d-dritt li jtajjar il-bandiera tiegħu jingħata l-permess li jopera, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li l-vapur inkwistjoni jikkonforma mar-regoli u r-regolamenti internazzjonali applikabbli. B'mod partikolari, għandu jivverifika r-rekords tas-sikurezza tal-vapur billi juża r-rapporti u c-ċertifikati ta' spezzjoni li jinsabu fil-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 6a. Huwa għandu, jekk ikun neċċesarju, jikkonsulta mal-Istat tal-bandiera li jkun qed jitlef sabiex jistabbilixxi jekk kwalunkwe nuqqas pendenti jew kwistjoni ta' sikurezza identifikati minn dan tal-aħħar għadhom mhux solvuti.

Emenda

1. Qabel ma vapur li jkun ingħata d-dritt li jtajjar il-bandiera tiegħu jingħata l-permess li jopera, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li l-vapur inkwistjoni jikkonforma mar-regoli u r-regolamenti internazzjonali applikabbli. B'mod partikolari, għandu jivverifika r-rekords tas-sikurezza tal-vapur billi juża r-rapporti u c-ċertifikati ta' spezzjoni li jinsabu fil-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 6a. **L-Istat Membru jiżguraw ukoll li l-kundizzjonijiet operattivi tal-vapur jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet kollha fl-MLC 2006.** Huwa għandu, jekk ikun neċċesarju, jikkonsulta mal-Istat tal-bandiera li jkun qed jitlef sabiex jistabbilixxi jekk kwalunkwe nuqqas pendenti jew kwistjoni ta' sikurezza identifikati minn dan tal-aħħar għadhom mhux solvuti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Konvenzjoni tal-MLC għandha tiġi rispettata biex vapur ikun jista' jtajjar bandiera Ewropea.

Emenda 40

Pierre Karleskind

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1 a. L-Istat Membru għandu jiżgura li

vapur jitħalla jopera u jingħata d-dritt li jtajjar il-bandiera biss jekk id-dispożizzjonijiet kollha stipulati fid-Direttiva 2022/993^{la} jiġu rispettati.

^{1a} Direttiva dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara

Or. en

Emenda 41
Henna Virkkunen

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 4a – paragrafu 2 – subparagraphu c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) it-twettiq ta' spezzjonijiet **supplimentari** tal-Istat tal-bandiera ta' vapuri biex jiġi vverifikat li l-kundizzjoni attwali **tal-vapur** hija konformi maċ-ċertifikati li għandu.

Emenda

(c) it-twettiq ta' spezzjonijiet tal-Istat tal-bandiera ta' vapuri biex jiġi vverifikat li l-kundizzjoni attwali hija konformi maċ-ċertifikati li għandu. **Dawn l-ispezzjonijiet jistgħu jitwettqu bl-użu ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju, li jista' jinkludi l-kriterji li ġejjin:**

i. rekords ta' nuqqasijiet u nuqqasijiet ta' konformità minn sħarriġiet, awditi u verifikasi statutorji mwettqa mill-Istat tal-bandiera

ii. rapporti ta' aċċidenti serji ħafna

iii. spezzjoni wara detenzjoni jew projbizzjoni ta' operazzjoni maħruġa mill-Kontroll mill-Istat tal-Port

iv. spezzjoni li taqbeż proporzjon ta' nuqqas fil-Kontroll tal-Istat tal-Port stabilit minn kull Stat Membru

v. rekords ta' nuqqasijiet minn spezzjonijiet imwettqa skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali kif meqjus xieraq minn kull Stat Membru.

L-Istati Membri jistgħu jitbiegħdu mill-

approċċ ibbażat fuq ir-riskju u jwettqu spezzjonijiet tal-istat tal-bandiera billi jużaw il-proċeduri, l-istruzzjonijiet u l-informazzjoni rilevanti tagħhom stess f'konformità mal-Kodiċi III.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-twettiq tal-ispezzjonijiet għandu jkun ibbażat fuq ir-riskju, peress li dan huwa l-aħjar mod kif jintgħażlu l-bastimenti li għandhom l-akbar problemi fid-dawl tad-data storika.

Emenda 42

Karima Delli

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 4a – paragrafu 2 – subparagrafu ca (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) it-twettiq ta' spezzjonijiet fuq mill-inqas terz tal-vapuri kollha intitolati li jtajru l-bandiera tagħhom kull sena.

Or. en

Emenda 43

Karima Delli

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 4a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe nuqqas ikkonfermat jew żvelat minn spezzjoni mwettqa f'konformità mal-paragrafu 2(c) jiġi

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe nuqqas ikkonfermat jew żvelat minn spezzjoni mwettqa f'konformità mal-paragrafu 2(c) jiġi

rettifikat.

rettifikat **bis-sħiħ**. *B'mod partikolari, l-ispezzjonijiet għandhom jiffukaw fuq is-sikurezza u l-prestazzjoni ambjentali tal-vapuri u jiżguraw li jittieħdu l-miżuri korrettivi kollha meħtieġa qabel l-imbarkazzjoni tal-bastiment.*

Or. en

Emenda 44
Karima Delli
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Direttiva 2009/21/KE
Artikolu 4b – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-amministrazzjoni tiegħu tibbaża fuq riżorsi xierqa, proporzjonati mad-daqs u t-tip tal-fotta tiegħu, b'mod partikolari biex tissodisfa l-obbligi previsti fl-Artikolu 4a u fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.

Emenda

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-amministrazzjoni tiegħu tibbaża fuq riżorsi xierqa, proporzjonati mad-daqs u t-tip tal-fotta tiegħu **u l-għadd minnu ta' spezzjonijiet li għandu jwettaq kull sena**, b'mod partikolari biex tissodisfa l-obbligi previsti fl-Artikolu 4a u fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 45
Johan Van Overtveldt

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Direttiva 2009/21/KE
Artikolu 4b – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Kull Stat Membru għandu jiżgura s-sorveljanza tal-attivitajiet tas-surveyors tal-Istat tal-bandiera, tal-ispetturi tal-Istat tal-bandiera u tal-organizzazzjonijiet

Emenda

2. Kull Stat Membru għandu jiżgura s-sorveljanza tal-attivitajiet tas-surveyors tal-Istat tal-bandiera, tal-ispetturi tal-Istat tal-bandiera u tal-organizzazzjonijiet

rikonoxxuti *u jipparteċipa fl-iskema ta' sorveljanza tal-Organizzazzjonijiet Rikonoxxuti tal-UE spċifikata mill-grupp ta' livell għoli dwar kwistjonijiet tal-Istat tal-bandiera msemmija fl-Artikolu 9a(1).*

rikonoxxuti.

Or. en

Emenda 46

Ljudmila Novak, Marian-Jean Marinescu, Magdalena Adamowicz

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 4b – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Sabiex tīgħi żgurata l-armonizzazzjoni tal-ispezzjonijiet supplimentari tal-Istat tal-bandiera msemmija fl-Artikolu 4a(2)(c), il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta mal-grupp ta' livell għoli dwar kwistjonijiet tal-Istat tal-bandiera msemmi fl-Artikolu 9a(1), għandha tadotta atti ta' implementazzjoni biex tiddefinixxi l-miżuri uniformi biex tiddetermina r-rekwiżiti minimi għall-implementazzjoni tal-obbligli previsti fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implementazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 10(2)."

Emenda

4. Sabiex tīgħi żgurata l-armonizzazzjoni tal-ispezzjonijiet supplimentari tal-Istat tal-bandiera msemmija fl-Artikolu 4a(2)(c), il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta mal-grupp ta' livell għoli dwar kwistjonijiet tal-Istat tal-bandiera msemmi fl-Artikolu 9a(1), għandha tadotta atti ta' implementazzjoni biex tiddefinixxi l-miżuri uniformi biex tiddetermina r-rekwiżiti minimi għall-implementazzjoni tal-obbligli previsti fil-paragrafu 1. **Sabiex tīgħi żgurata l-effettivitā ta' din id-Direttiva, dawn ir-rekwiżiti minimi għandhom b'mod partikolari jinkludu kwota minima annwali ta' spezzjonijiet ta' mill-inqas 20 % tal-vapuri li jtajru l-bandiera ta' kull Stat Membru, proporzjonata mad-daqs u t-tip tal-flotta tiegħu.** Dawk l-atti ta' implementazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 10(2)."

Or. en

Emenda 47

Karima Delli

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 4b – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Sabiex tīgi żgurata l-armonizzazzjoni tal-ispezzjonijiet supplimentari tal-Istat tal-bandiera msemmija fl-Artikolu 4a(2)(c), il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta mal-grupp ta' livell ġholi dwar kwistjonijiet tal-Istat tal-bandiera msemmi fl-Artikolu 9a(1), għandha tadotta atti **ta'** **implementazzjoni** biex tiddefinixxi l-miżuri uniformi biex tiddetermina r-rekwiżiti minimi għall-implementazzjoni tal-obbligi previsti fil-paragrafu 1. Dawk l-atti **ta'** **implementazzjoni** għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura **ta' eżami** msemmija fl-Artikolu 10(2)."

Emenda

4. Sabiex tīgi żgurata l-armonizzazzjoni tal-ispezzjonijiet supplimentari tal-Istat tal-bandiera msemmija fl-Artikolu 4a(2)(c), il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta mal-grupp ta' livell ġholi dwar kwistjonijiet tal-Istat tal-bandiera msemmi fl-Artikolu 9a(1), għandha tadotta atti **delegati** biex tiddefinixxi l-miżuri uniformi biex tiddetermina r-rekwiżiti minimi għall-implementazzjoni tal-obbligi previsti fil-paragrafu 1 *u tinkludi f'dawn ir-rekwiżiti kemm il-mira minima kwantitattiva li għandha tintlaħaq fuq bażi annwali, kif spjegat fid-dettall fl-Artikolu 4a, il-paragrafu 2(b), kif ukoll element kwalitattiv li jikkunsidra lprofil tar-riskju ta' bastiment.* Dawk l-atti **delegati** għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 10(2)."

Or. en

Emenda 48

Johan Van Overtveldt

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 4c – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Bini tal-kapaċċità komuni tal-persunal tal-Istat tal-bandiera

Emenda

Taħriġ ta' wara l-kwalifika tal-persunal tal-Istat tal-bandiera

Or. en

Emenda 49
Johan Van Overtveldt

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 4c – paragrafu 1

Test propos mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri **għandhom** jiżguraw li l-persunal responsabbi għall-istħarriġ, l-ispezzjonijiet u l-verifikasi, jew li jwettaqhom, fuq vapuri u kumpaniji **jgħaddi mill-iskema armonizzata speċifikata fil-paragrafu 2.**

Emenda

1. L-Istati Membri **jistgħu** jiżguraw li l-persunal responsabbi għall-istħarriġ, l-ispezzjonijiet u l-verifikasi, jew li jwettaqhom, fuq vapuri u kumpaniji **jassisti għal taħriġ volontarju wara l-kwalifika pprovdut mill-Akkademja tal-EMSA.**

Or. en

Emenda 50
Karima Delli
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 4c – paragrafu 2

Test propos mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni, filwaqt li tfittem il-parir tal-grupp ta' livell għoli dwar kwistjonijiet tal-Istat tal-bandiera msemmi fl-Artikolu 9a(1), għandha tiżviluppa skema komuni għall-bini tal-kapaċità (wara l-kwalifika fil-livell nazzjonali) u żżommha aġġornata, filwaqt li tqis teknoloġiji ġodda, u fir-rigward ta' obbligi ġodda jew addizzjonal li jirriżultaw mill-instrumenti internazzjonali rilevanti, għas-surveyors u l-ispetturi tal-Istati Membri tal-bandiera.

Emenda

2. Il-Kummissjoni, filwaqt li tfittem il-parir tal-grupp ta' livell għoli dwar kwistjonijiet tal-Istat tal-bandiera msemmi fl-Artikolu 9a(1), għandha tiżviluppa skema komuni għall-bini tal-kapaċità (wara l-kwalifika fil-livell nazzjonali) u żżommha aġġornata, filwaqt li tqis teknoloġiji ġodda, u fir-rigward ta' obbligi ġodda jew addizzjonal li jirriżultaw mill-strumenti internazzjonali rilevanti, għas-surveyors u l-ispetturi tal-Istati Membri tal-bandiera. **Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-implementazzjoni tal-MLC 2006.**

Emenda 51
Johan Van Overtveldt

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Direttiva 2009/21/KE
Artikolu 4c – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni, filwaqt li tfittex il-parir tal-grupp ta' livell ġholi dwar kwistjonijiet tal-Istat tal-bandiera msemmi fl-Artikolu 9a(1), ***għandha tiżviluppa skema komuni għall-bini tal-kapaċità (wara l-kwalifika fil-livell nazzjonali) u żżommha aġġornata***, filwaqt li tqis teknoloġiji ġodda, u fir-rigward ta' obbligi ġodda jew addizzjonali li jirriżultaw mill-instrumenti internazzjonali rilevanti, għas-surveyors u l-ispetturi tal-Istati Membri tal-bandiera.

Emenda

2. Il-Kummissjoni, filwaqt li tfittex il-parir tal-grupp ta' livell ġholi dwar kwistjonijiet tal-Istat tal-bandiera msemmi fl-Artikolu 9a(1), ***tista' tgħin lill-Istati Membri, fejn meħtieġ, billi tappoġġa taħriġ wara l-kwalifika pprovdut mill-Akkademja tal-EMSA u tgħin iżżommu aġġornat***, filwaqt li tqis teknoloġiji ġodda, u fir-rigward ta' obbligi ġodda jew addizzjonali li jirriżultaw mill-strumenti internazzjonali rilevanti, għas-surveyors u l-ispetturi tal-Istati Membri tal-bandiera.

Emenda 52
Karima Delli
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
2009/21/EC
Artikolu 4c – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2 a. Il-Kummissjoni, bl-involviment tal-EMSA, għandha tiproduċi dokument ta' gwida li joffri pariri dwar kif għandhom jiġu implementati l-Konvenzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari l-MLC 2006. L-EMSA għandha tiprovdi informazzjoni

dettaljata dwar il-problemi l-aktar frekwenti identifikati matul l-ispezzjonijiet mill-Istat tal-port tal-vapuri taħt kull bandiera, kif ukoll spiegazzjonijiet u kjarifikasi dwarf id-dokumentazzjoni u ċertifikati speċifiċi ta' kull Stat tal-bandiera.

Or. en

Emenda 53
Pierre Karleskind

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2009/21/KE
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt aa (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) arranġamenti tax-xogħol abbord il-vapuri u rekords tas-sigħat ta' xogħol ta' kuljum tal-baħħara kif definiti fid-Direttiva 1999/63/KE^{1a}.

^{1a} *Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/63/KE tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar il-Ftehim dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol tal-baħħara konkluż mill-Assoċjazzjoni tal-Komunità Ewropea tas-Sidien tal-Bastimenti (ECSA) u l-Federazzjoni tal-Unjonijiet tal-Ħaddiema tat-Trasport (FST) — Anness: Ftehim Ewropew dwar l-organizzazzjoni tal-ħin ta' xogħol tal-baħħara (il-paragrafu 7 tal-klawżola 5 u l-paragrafu 1 tal-klawżola 8 tal-Anness 1)*

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-arranġamenti tax-xogħol abbord il-vapuri u r-rekords tal-baħħara għandhom ikunu aċċessibbli online.

Emenda 54

Karima Delli

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 6 – paragrafu 1 – sottopunt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) eżitu tal-ispezzjonijiet tal-kontroll mill-Istat tal-port (nuqqasijiet: iva jew le; detenzjonijiet: iva jew le);

Emenda

(e) eżitu tal-ispezzjonijiet tal-kontroll mill-Istat tal-port (nuqqasijiet: iva jew le; detenzjonijiet: iva jew le; *u aktar dettleji kif xieraq jekk ikun hemm nuqqasijiet jew detenzjonijiet*);

Or. en

Emenda 55

Karima Delli

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 6 – paragrafu 1 – sottopunt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) ċertifikati statutorji li jikkonferma jekk xi nuqqasijiet irrapportati żvelati permezz ta' spezzjonijiet ta' kontroll mill-Istat tal-port ġewx rettifikasi;

Or. en

Emenda 56

Henna Virkkunen

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 6a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa, iżżomm u taġġorna bażi tad-data **għall-ispezzjonijiet** li jkun fiha l-informazzjoni spċifikata fl-Artikolu 6. L-Istati Membri **kollha għandhom ikunu** konnessi ma' dik il-bażi tad-data. Il-bażi tad-data **għandha** tkun ibbażata fuq il-bażi tad-data **għall-ispezzjonijiet** imsemmija fl-Artikolu 24 tad-Direttiva 2009/16/KE u **għandu** jkollha funzjonalitajiet simili għal dik il-bażi tad-data.

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa, iżżomm u taġġorna bażi tad-data **għall-informazzjoni dwar il-vapuri** li jkun fiha l-informazzjoni spċifikata fl-Artikolu 6. L-Istati Membri **jistgħu** jkunu konnessi ma' dik il-bażi tad-data. Il-bażi tad-data **tista'** tkun ibbażata fuq il-bażi tad-data **għall-informazzjoni dwar il-vapuri** imsemmija fl-Artikolu 24 tad-Direttiva 2009/16/KE u **jista'** jkollha funzjonalitajiet simili għal dik il-bażi tad-data.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-introduzzjoni ta' dokumenti elettroniċi u bażi tad-data għall-ispezzjonijiet għandha ssir sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jkomplu jużaw is-sistemi ta' informazzjoni nazzjonali tagħhom fil-futur. Dan se jagħmilha possibbli li jsir użu aħjar mid-data miġbura għall-hiġijiet nazzjonali u li tintuża l-istess sistema għal sorveljanza marittima oħra.

Emenda 57

Cláudia Monteiro de Aguiar

Proposta għal direktiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 6a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Istati Membri għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni kollha rreġistrata fil-bażi tad-data għall-ispezzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u s-sistema ta' spezzjoni prevista fid-Direttiva 2009/16/KE. Xejn f'din id-Direttiva ma għandu jipprevjeni l-kondiżjoni ta' tali informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti rilevanti fi ħdan u bejn l-Istati Membri, mal-Kummissjoni **jew** mal-Агентија Европејa għas-Sigurtà Marittima (EMSA) stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-

Emenda

4. L-Istati Membri għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni kollha rreġistrata fil-bażi tad-data għall-ispezzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u s-sistema ta' spezzjoni prevista fid-Direttiva 2009/16/KE. Xejn f'din id-Direttiva ma għandu jipprevjeni l-kondiżjoni ta' tali informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti rilevanti fi ħdan u bejn l-Istati Membri, mal-Kummissjoni **u** mal-Агентија Европејa għas-Sigurtà Marittima (EMSA) stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁶.

³⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1).

Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁶.

³⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1).

Or. en

Emenda 58
Pierre Karleskind

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2009/21/KE
Artikolu 6a – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċ-ċertifikati Statutorji msemmija fl-**Artikolu 6(1)(b)** jiġu trażmessi b'mod elettroniku lill-bażi tad-data għall-ispezzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu bl-użu tal-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi għal interfaccċa tar-rapportar elettronika armonizzata prevista fl-**Artikolu 24a** tad-Direttiva 2009/16/KE.

Emenda

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċ-ċertifikati Statutorji, ***l-arranġamenti tax-xogħol abbord il-vapuri u rekords tas-sighħat ta' xogħol ta' kuljum tal-baħħara jew tas-sighħat ta' mistrieħ tagħhom ta' kuljum*** imsemmija fl-**Artikolu 6(1), il-paragrafi (aa) u (b)**, jiġu trażmessi b'mod elettroniku lill-bażi tad-data għall-ispezzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu bl-użu tal-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi għal interfaccċa tar-rapportar elettronika armonizzata prevista fl-**Artikolu 24a** tad-Direttiva 2009/16/KE.

Or. en

Emenda 59
Johan Van Overtveldt

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2009/21/KE
Artikolu 6a – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5 a. Sabiex l-Istati Membri jingħataw biżżejjed żmien biex jiżguraw l-interoperabbiltà u l-kompatibbiltà tal-informazzjoni elettronika tagħhom, il-kondivizzjoni u l-aċċessibbiltà ta' din l-informazzjoni għandhom jiġu żgurati sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 60

Johan Van Overtveldt

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jagħmlu l-verifika tal-OMI tal-amministrazzjoni tagħhom mill-inqas darba kull 7 snin, *u għandhom jippublikaw l-eżitu tal-verifika kif ukoll kwalunkwe azzjoni korrettiva fil-bażi tad-data tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar it-Trasport bil-Baħar Integrat u Globali (GISIS) stabbilita mill-OMI. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-istess informazzjoni disponibbli wkoll għall-pubbliku, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti dwar il-kunfidenzjalitā.*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jagħmlu l-verifika tal-OMI tal-amministrazzjoni tagħhom mill-inqas darba kull 7 snin.

Or. en

Emenda 61

Karima Delli

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jagħmlu l-verifika tal-OMI tal-amministrazzjoni tagħhom mill-inqas darba kull 7 snin, u għandhom jippubblikaw l-eżitu tal-verifika kif ukoll kwalunkwe azzjoni korrettiva fil-bażi tad-data tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar it-Trasport bil-Baħar Integrat u Globali (GISIS) stabbilita mill-OMI. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-listess informazzjoni disponibbli wkoll għall-pubbliku, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti dwar il-kunfidenzjalitā.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jagħmlu l-verifika tal-OMI tal-amministrazzjoni tagħhom mill-inqas darba kull 3 snin, u għandhom jippubblikaw l-eżitu tal-verifika kif ukoll kwalunkwe azzjoni korrettiva fil-bażi tad-data tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar it-Trasport bil-Baħar Integrat u Globali (GISIS) stabbilita mill-OMI. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-listess informazzjoni disponibbli wkoll għall-pubbliku, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti dwar il-kunfidenzjalitā.

Or. en

Emenda 62

Johan Van Overtveldt

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Kummissjoni, assistita mill-EMSA, titħalla tipparteċipa bħala osservatur fil-proċess ta' verifikasi tal-OMI u, li kwalunkwe rapport tal-Verifika u l-informazzjoni dwar l-azzjoni sussegwenti meħuda jkunu immedjatamente disponibbli għall-Kummissjoni.*

Emenda

imħassar

Or. en

Emenda 63
Cláudia Monteiro de Aguiar

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2009/21/KE
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test proposet mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Kummissjoni, ***assistita mill-EMSA, titħalla tipparteċipa*** bħala ***osservatur*** fil-proċess ta' verifika tal-OMI u, li kwalunkwe rapport tal-Verifika u l-informazzjoni dwar l-azzjoni sussegwenti meħuda jkunu immedjatament disponibbli għall-Kummissjoni.

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Kummissjoni ***u l-EMSA jitħallew jipparteċipaw*** bħala ***osservatur*** fil-proċess ta' verifika tal-OMI u, li kwalunkwe rapport tal-Verifika u l-informazzjoni dwar l-azzjoni sussegwenti meħuda jkunu immedjatament disponibbli għall-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 64
Karima Delli
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
2009/21/EC
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test proposet mill-Kummissjoni

3. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' din id-Direttiva u sabiex jiġi mmonitorjat il-funzjonament ġenerali tal-konformità tal-Istat tal-bandiera u tal-iskema ta' sorveljanza tal-Organizzazzjonijiet Rikonoxxuti tal-UE, il-Kummissjoni għandha tiġbor l-informazzjoni meħtieġa u twettaq żjarat fl-Istati Membri, f'konformità mal-Artikolu xx tar-Regolament (UE) xx/xx tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁷ [ir-Regolament tal-EMSA li għandu jiġi adottat],

Emenda

3. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' din id-Direttiva u sabiex jiġi mmonitorjat il-funzjonament ġenerali tal-konformità tal-Istat tal-bandiera u tal-iskema ta' sorveljanza tal-Organizzazzjonijiet Rikonoxxuti tal-UE, il-Kummissjoni għandha tiġbor l-informazzjoni meħtieġa u twettaq żjarat fl-Istati Membri, ***inklużi spezzjonijiet ad-hoc u mhux imħabba,*** f'konformità mal-Artikolu xx tar-Regolament (UE) xx/xx tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁷ [ir-Regolament tal-EMSA li għandu jiġi adottat],

³⁷ Ir-Regolament (UE) xx/xx tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ... [ir-Regolament tal-EMSA]

³⁷ Ir-Regolament (UE) xx/xx tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ... [ir-Regolament tal-EMSA]

Or. en

Emenda 65
Karima Delli
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
2009/21/EC
Artikolu 7 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3 a. L-Istati tal-bandiera għandhom jirrevedu kontinwament il-linji gwida pprovdu lill-ispetturi tagħhom u lil dawk awtorizzati biex jaġixxu f'isimhom sabiex jaḡtu direzzjoni ċara dwar kif għandhom jivverifikaw sistematikament il-preċiżjoni tar-rekords li jkunu qed jiġu spezzjonati. It-taħriġ ipprovdut mill-EMSA lill-amministrazzjonijiet tal-Istat tal-bandiera għandu jkopri tali proċeduri ta' verifikasi u jiġi estiż biex ikopri l-MLC 2006 f'aktar dettall. L-EMSA għandha tiffaċilita wkoll il-koordinazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni u pratiki tajba bejn l-amministrazzjonijiet tal-Istati tal-bandiera.

Or. en

Emenda 66
Karima Delli
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**-2a. Il-paragrafu 2 huwa sostitwit
b'dan li ġej:**

L-Istati Membri li jidhru fuq il-lista s-sewda jew il-lista l-grīza kif ippubblikati fir-rapport annwali l-aktar reċenti tal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port (minn hawn 'il quddiem "MtQ ta' Pariġi") għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni rapport dwar il-prestazzjoni tagħhom ta' Stati tal-bandiera mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-pubblikkazzjoni tar-rapport tal-MtQ ta' Pariġi.

Ir-rapport għandu jidentifika u janalizza r-raġunijiet ewlenin għan-nuqqas ta' konformità li tkun wasslet għad-detenzjonijiet u n-nuqqasijiet li rriżultaw fi status ta' iswed jew grīz, u l-miżuri korrettivi li se jiġu implementati.

Fejn l-Istat Membru ma jiħux il-miżuri korrettivi meħtieġa biex jiżgura l-konformità mal-lista l-bajda qabel ir-rapport annwali li jmiss tal-MtQ ta' Pariġi, il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri fir-rigward ta' dak l-Istat Membru. Il-miżuri għandhom ikunu proporzjonati, xierqa u f'konformità mat-Trattati.

Or. en

Emenda 67

Karima Delli

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt b

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 8 – paragrafu 2b

Test propos mill-Kummissjoni

Il-miżuri għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-Istat tal-bandiera għandhom iqisu, fost oħrajn, ir-riżultati tal-ispezzjonijiet tal-Istat tal-bandiera, ir-rati ta' detenżjoni tal-kontroll mill-Istat tal-port, l-istatistika tad-diżgrazzji, il-proċessi ta' komunikazzjoni u informazzjoni, l-istatistika tat-telf annwali (barra t-telf totali kostruttiv) u indikaturi tal-prestazzjoni oħra kif jista' jkun xieraq, biex jiġi ddeterminat jekk il-persunal, ir-riżorsi u l-proċeduri amministrattivi humiex adegwati biex iwettqu l-obbligi tal-Istat tal-bandiera.

Emenda

Il-miżuri għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-Istat tal-bandiera għandhom iqisu, fost oħrajn, ir-riżultati tal-ispezzjonijiet tal-Istat tal-bandiera, ***l-għadd ta' spezzjonijiet imwettqa, il-punt sa liema jkun tqies ilprofil ta' riskju tal-vapuri***, ir-rati ta' detenżjoni tal-kontroll mill-Istat tal-port, l-istatistika tad-diżgrazzji, il-proċessi ta' komunikazzjoni u informazzjoni, l-istatistika tat-telf annwali (barra t-telf totali kostruttiv) u indikaturi tal-prestazzjoni oħra kif jista' jkun xieraq, biex jiġi ddeterminat jekk il-persunal, ir-riżorsi u l-proċeduri amministrattivi humiex adegwati biex iwettqu l-obbligi tal-Istat tal-bandiera.

Or. en

Emenda 68

Ljudmila Novak, Marian-Jean Marinescu, Magdalena Adamowicz

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 9

Test propos mill-Kummissjoni

(9) l-Artikolu 9 *jitħassar.*

Emenda

(9) Artikolu 9

Rapporti u Rieżami

Kull īames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Dan ir-rapport għandu jkun fih valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-Istati Membri bħala Stati tal-bandiera. Dan ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, fejn xieraq, bi proposti għal reviżjoni ta' din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 69

Pierre Karleskind, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 9a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi grupp ta' livell għoli dwar kwistjonijiet tal-Istat tal-bandiera biex jiġu diskussi kwistjonijiet tal-Istat tal-bandiera u biex jiġu ffaċilitati l-iskambji ta' esperjenza bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri, l-experti u l-ispetturi tal-Istat tal-bandiera, ***inklużi, kif xieraq, dawk*** mis-settur privat.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi grupp ta' livell għoli dwar kwistjonijiet tal-Istat tal-bandiera biex jiġu diskussi kwistjonijiet tal-Istat tal-bandiera u biex jiġu ffaċilitati l-iskambji ta' esperjenza bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri, l-experti u l-ispetturi tal-Istat tal-bandiera, ***l-Associazzjonijiet tas-Sidien tal-Vapuri tal-Komunità Ewropea (ECSA), il-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha*** mis-settur privat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-sħab soċjali għandhom ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-grupp ta' livell għoli dwar kwistjonijiet ta' Stat tal-bandiera.

Emenda 70

Cláudia Monteiro de Aguiar

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 9a – paragrafu 1 – subparagraphu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-grupp ta' livell għoli dwar kwistjonijiet tal-Istat tal-bandiera għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni, ***megħjuna mill-EMSA***.

Emenda

Il-grupp ta' livell għoli dwar kwistjonijiet tal-Istat tal-bandiera għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni ***u l-EMSA***.

Emenda 71
Karima Delli
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Direttiva 2009/21/KE
Artikolu 9a – paragrafu 2 – punt a

Test propos mill-Kummissjoni

(a) li jagħmel rakkmandazzjonijiet ġhal approċċ komuni ġhall-ispezzjonijiet tal-Istat tal-bandiera; il-proċeduri u l-linji gwida ġħall-kontroll tal-vapuri;

Emenda

(a) li jagħmel rakkmandazzjonijiet ġħal approċċ komuni ġħall-ispezzjonijiet tal-Istat tal-bandiera; il-proċeduri u l-linji gwida ġħall-kontroll tal-vapuri; ***l-għadd ta' spezzjonijiet addizzjonali li għandhom jitwettqu ġħall-Istati Membri bl-akbar reġistri;***

Emenda 72
Karima Delli
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Direttiva 2009/21/KE
Artikolu 9a – paragrafu 2 – punt c

Test propos mill-Kummissjoni

(c) li jassisti lill-Kummissjoni fl-iżvilupp tal-metodu tekniku ġħal dak li jikkostitwixxi riżorsi xierqa, proporzjonali għad-daqs u t-tip ta' flotta, imsemmi fl-Artikolu 4b;

Emenda

(c) li jassisti lill-Kummissjoni fl-iżvilupp tal-metodu tekniku ġħal dak li jikkostitwixxi riżorsi xierqa, proporzjonali għad-daqs u t-tip ta' flotta ***u l-għadd ta' spezzjonijiet li għandhom jitwettqu,*** imsemmi fl-Artikolu 4b;

Emenda 73

Karima Delli

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 9a – paragrafu 2 – punt ja (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(ja) jagħmlu rakkmandazzjonijiet
għal approċċ komuni biex tiġi żgurata
“rabta ġenwina” bejn is-sid reali ta’
bastiment u l-bandiera li jtajjar il-
bastiment, f'konformità mal-Artikolu
91(1) tal-UNCLOS^{37a}.*

*^{37a} Assemblea Generale tan-NU,
Konvenzjoni dwar il-Liġi tal-Baħar, 10 ta’
Diċembru 1982*

Or. en

Emenda 74

Pierre Karleskind

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 9b – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi
għodda elettronika ta’ rapportar għall-
finijiet tal-ġbir ta’ informazzjoni u data
mill-Istati Membri fir-rigward ta’ din id-
Direttiva. L-Istati Membri għandhom
jinformaw perjodikament, u tal-anqas
darba fis-sena, lill-Kummissjoni, dwar:

I. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi
għodda elettronika ta’ rapportar għall-
finijiet tal-ġbir ta’ informazzjoni u data
mill-Istati Membri fir-rigward ta’ din id-
Direttiva. L-Istati Membri għandhom
jinformaw perjodikament, u tal-anqas
darba fis-sena, lill-Kummissjoni, dwar:

Or. en

Emenda 75

Karima Delli

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 9b - paragrafu 1 – punt a – sottopunt iva (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iva) il-punt sa liema jkun tqies il-profil ta' riskju tal-vapuri fl-istħarriġ, fl-ispezzjonijiet u fl-awditi mwettqa bħala Stati tal-bandiera;

Or. en

Emenda 76

Pierre Karleskind

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 9b - paragrafu 1 – punt a – sottopunt iva (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iva) kundizzjonijiet tax-xogħol, ibbażati fuq ir-rekords tas-sigħat ta' xogħol ta' kuljum tal-baħħara u s-sigħat ta' mistrieħ ta' kuljum;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol applikabbi mill-bandiera tal-Istat Membru għandhom isiru pubbliċi.

Emenda 77

Karima Delli

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 9b – paragrafu 2 (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Kunsill u lill-Parlament mill-inqas darba kull sentejn dwar l-informazzjoni u d-data miġbura mill-Istati Membri, kif deskrift fil-paragrafi a, b u c ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 78

Pierre Karleskind, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 9b – paragrafu 3 (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha toħroġ rapport annwali bbażat fuq l-informazzjoni miġbura skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu li għandu jiġi ppubblikat fuq sit web uffiċjali.

Or. en

Emenda 79

Johan Van Overtveldt

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 9b – paragrafu 4 (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-kondiżjoni u l-aċċessibbiltà tad-data meħtieġa mill-Istati Membri għandhom

jiġu implementati sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 80

Karima Delli

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 10a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10(b), dwar l-emendi għall-Anness 1, sabiex jitqiesu d-dispożizzjonijiet u l-impenji ġodda relatati mal-Istat tal-bandiera żviluppati fil-livell internazzjonali, b'mod partikolari, fl-OMI.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10(b), dwar l-emendi għall-Anness 1, **u l-Artikoli 4 u 4b**, sabiex jitqiesu d-dispożizzjonijiet u l-impenji ġodda relatati mal-Istat tal-bandiera żviluppati fil-livell internazzjonali, b'mod partikolari, fl-OMI.

Or. en

Emenda 81

Karima Delli

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa ***OP: Jekk jogħġebok daħħal data: sena*** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja/ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa ***disa' xhur*** mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 82
Johan Van Overtveldt

Proposta għal direttiva

Anness I

Direttiva 2009/21/KE

Anness

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

[...]

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni tal-Kodiċi III bħala Anness għal din id-Direttiva toħloq il-possibbiltà li tiġi mminata l-kompetenza tal-Istati Membri u t-trasferiment tal-awtorità esklużivament għal-livell tal-UE. L-Istati Membri kollha ffirmaw il-Konvenzjonijiet IMO, inklużi l-obbligi u r-responsabbiltajiet fil-Kodiċi III.

Emenda 83
Johan Van Overtveldt

Proposta għal direttiva

Anness I

Direttiva 2009/21/KE

Anness

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

ANNESS

imħassar

Or. en

Emenda 84
Johan Van Overtveldt

Proposta għal direttiva

Anness I

Direttiva 2009/21/KE

Anness

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

**KODIĊI TAL-IMPLEMENTAZZJONI
TAL-ISTRUMENTI TAL-IMO (KODIĊI
III)**

imħassar

Or. en

Emenda 85

Johan Van Overtveldt

Proposta għal direttiva

Anness I

Direttiva 2009/21/KE

Anness

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

PARTI 1 – OQSMA KOMUNI

imħassar

Or. en

Emenda 86

Johan Van Overtveldt

Proposta għal direttiva

Anness I

Direttiva 2009/21/KE

Anness

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

PARTI 2 - STATI TAL-BANDIERA

imħassar

Or. en

Emenda 87

Karima Delli

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva

Anness I

Direttiva 2009/21/KE
Anness – Parti 2 – punt 15

Test propos mill-Kummissjoni

1. jimplimentaw politiki permezz tal-ħruġ ta' leġiżlazzjoni u gwida nazzjonali, li jgħinu fl-implimentazzjoni u fl-infurzar tar-rekwiżiti tal-konvenzjonijiet u l-protokolli kollha dwar is-sikurezza **u** l-prevenzjoni tat-tniġġis li għalihom huma partijiet; u

Emenda

1. jimplimentaw politiki permezz tal-ħruġ ta' leġiżlazzjoni u gwida nazzjonali, li jgħinu fl-implimentazzjoni u fl-infurzar tar-rekwiżiti tal-konvenzjonijiet u l-protokolli kollha dwar is-sikurezza, il-prevenzjoni tat-tniġġis, **ambjentali u soċjali** li għalihom huma partijiet; u

Or. en

Emenda 88
Karima Delli
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direktiva

Anness I

Direttiva 2009/16/KE

Anness – Parti 2 – punt 43

Test propos mill-Kummissjoni

43. Il-miżuri biex tiġi evalwata l-prestazzjoni tal-Istat tal-bandiera għandhom jinkludu, fost l-oħrajn, ir-rati ta' detenzjoni tal-kontroll mill-Istat tal-port, ir-riżultati tal-ispezzjoni mill-Istat tal-bandiera, l-istatistika dwar id-diżgrazzji, il-proċessi ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni, l-istatistika dwar it-telf annwali (minbarra t-telf totali kostruttiv (CTLs)) u indikaturi oħrajin tal-prestazzjoni kif jista' jkun xieraq, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-proċeduri tal-personal, tar-riżorsi u dawk amministrattivi humiex adegwati biex jissodisfaw l-obbligi tal-Istat tal-bandiera tiegħu.

Emenda

43. Il-miżuri biex tiġi evalwata l-prestazzjoni tal-Istat tal-bandiera għandhom jinkludu, fost l-oħrajn, ir-rati ta' detenzjoni tal-kontroll mill-Istat tal-port, ir-riżultati tal-ispezzjoni mill-Istat tal-bandiera, l-istatistika dwar id-diżgrazzji, il-proċessi ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni, l-istatistika dwar it-telf annwali (minbarra t-telf totali kostruttiv (CTLs)), **il-konformità mal-ġħadd minimu mandatorju ta' spezzjonijiet kull sena**, u indikaturi oħrajin tal-prestazzjoni kif jista' jkun xieraq, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-proċeduri tal-personal, tar-riżorsi u dawk amministrattivi humiex adegwati biex jissodisfaw l-obbligi tal-Istat tal-bandiera tiegħu.

Or. en

